MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2009

Numru 55/2006

PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
NICHOLAS MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nicholas Muscat, ta’ 31 sena, iben Mariano u Catherine nee’ Hollier, imwieled Paola, nhar l-10 ta’ Dicembru 1974, residenti fil-fond Dar il-Millenju, Triq Martinu Deredine, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 101976(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar il-21 ta’ Jannar, 2006, ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar (15:30) gewwa Triq San George, San Pawl il-Bahar:

a) Talli bi vjolenza u theddid gieghel lil Alan Vassallo G434 bhala Ufficjal Pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini ta' l-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali Kap.9;
b) U aktar talli fl-istess post, data u hin, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Alan Vassallo G434 wegghu bi kliem, b'gesti, jew b'xi mod iehor ai termini ta' l-Artikolu 252(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.4) u ta' l-imputat (fol.12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti, specjalment, mix-xhieda ta' l-Ispettur Josric Mifsud, jirrizulta li *Warden* G434 Vassallo ghamel rapport illi kien gie agrediet waqt illi kien fuq xogholu meta ta citazzjoni lil persuna ta' sess femminili il-ghaliex kienet harget il-*garbage bags* qabel il-hin. Il-Pulizija, ghaldaqstant, arrestaw lill-imputat, li fl-*istatement* tieghu stqarr mal-Pulizija, li dan il-*warden* kien itratta ma' ommu b'manjiera degradanti u li kien ikkoregieh u li bl-ebda mod ma kien hemm xi xrara ta' vjolenza vizika da parti tieghu fuq dan il-*warden*.

Catherine Muscat xehedet u tat rakkont dettaljat ta' dak kollu li gara. Hija qalet illi kienet harget il-*garbage bag* taghha bhas-soltu u li dakinhar l-*iscammel* taz-zibel ma kienx ghadda u ghaldaqstant it-triq kollha baqghet biz-zibel wara l-bibien taghha. Muscat xehedet illi meta rat hekk hija dahlet il-*garbage bag* minn fuq il-bankina ghal fuq il-parapett taghha. Muscat xehedet illi dan il-*warden* beda jghajjarha 'mahmuga' u "li ma' nies mahmugin

bhalkom hekk nitratta," u li baqa jirrabja maghha, talabha l-*particulars* b'insolenza kbira, tant illi din ix-xwejha baqghet imbellha. Illi wara dan, hija rrapurtatu lis-Sindku u taf illi dan il-*warden* gie sospiz.

Spettur Theresa Sciberras ezebiet l-okkorrenza Dok.TS1
Frank Gauci, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, ikkonferma illi huwa kellem lil dan il-*warden* G434 biex jara r-raguni il-ghaliex kien ta c-citazzjoni illi semmiet is-sinjura Catherine Muscat. Il-Kunsilliet Gauci kkonferma illi l-*warden* G434 hattfu u beda jghajjat mieghu tant illi semghuh in-nies ta' faccata u hargu jigru jigbru z-zibel taghhom ghax hassbu illi l-*warden* kien ser jghati c-citazzjoni lilhom ukoll. Ikkonferma li Alan Vassallo G434 kien *a Green Warden* fi zmien indikat fl-akkuza.

Alan Vassallo G434, ma ftakar xejn minn dan l-incident. Mistoqsi il-ghaliex ma ghadux jahdem ta' *warden*, hu xehed illi kien telaq il-ghaliex ma kinitx *worth it* bhala paga u mhux ghax gie mkecci.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod ampju illi l-Qorti ghandha quddiema biss rapport tal-Pulizija. Dan qieghed jinghad il-ghaliex Alan Vassallo G434 ma ftakar xejn mill-incident li dwaru huwa rraporta lill-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Nicholas Muscat, mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------